# Ismijiet toponomastiċi fil-Ħamrun

— minn Walter Camilleri —

**● Fl-1993 kont tajt sehmi fil-pubblikazzjoni tal-ktieb, f'erba' volumi, bl-isem: "Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom". Is-sehem tiegħi kien appuntu dwar il-Parroċċa San Gejtanu, Ħamrun, kapitlu 19, fl-ewwel volum.**

Kienu bosta li talbuni, biex dak il-kapitlu nippubblikah fil-programm tal-festa ta' San Gejtanu. Minħabba nuqqas ta' spazju, se nillimita ruħi biss għall-ismijiet toponomastiċi "uffiċjali" tas-Subborg għażiż tagħna.

## ISMIJIET OĦRAJN

Imma qabel ma ngħaddu għas-suġġett tagħna, nixtieq nagħmel suġġeriment marbut ukoll ma' l-ismijiet toponomastiċi fil-Ħamrun. Dan qed nagħmlu, biex titqajjem kuxjenza pubblika fl-interess Nazzjonali, kif ukoll Lokali.

Bħal f'kull belt/raħal ieħor f'Malta u Għawdex, kull roqgħa art, u/jew medda art ġmielha, għalqa jew sqaq, kellhom isem jew laqam partikolari marbut magħhom. Illum, "uffiċjalment" baqa' biss isem wieħed, dak proprju kif nafuh illum, l-isem tar-raħal/belt.

U filwaqt li nibqgħu dwar il-Ħamrun, ma nistgħux ninsew l-ismijiet "uffiċjali" tal-Ħamrun, kif se naraw aktar l-isfel. Daqstant ieħor ma nistgħux ninsew u/jew inwarrbu dawk l-ismijiet/laqmijiet "wisq popolari" ta' l-art li sawwru l-Ħamrun ta' llum.

U għax ma għandniex niktbu, b'mod uffiċjali, li t-triq tagħna tinstab f'"tar-Rabbat"; f'"tas-Samra"; f'"tal-Barrada"; fil-"Blata l-Bajda"; f'"ta' Braksja" eċċ. U dawn fost l-aktar popolari u mifruxa, għax ismijiet oħrajn ta' rqajja iżgħar insibu ferm aktar. Ngħidu aħna, l-art li fuqha hi mibnija l-knisja ta' San Gejtanu, kienet magħrufa bħala "ta' Saitun", eċċ.

L-Awtorità Ċivili għandha terġa' tagħti l-ħajja lil dawk l-ismijiet/laqmijiet toponomastiċi b'mod uffiċjali, bħal fil-każ, u bl-istess importanza tal-Post Code. GĦAX DAN HUWA WKOLL PATRIMONJU MALTI LI GĦANDNA NURUH U NUŻAWH. Il-Kunsilli Lokali għandhom jagħtu l-kontribut tagħhom biex dan il-wirt nazzjonali ma jkomplix jintilef.

U ngħaddu issa għall-ismijiet proprji tal-Ħamrun tal-bieraħ u ta' llum. Il-Ħamrun li nafu llum ma kienx minn dejjem, bħala territorju distint u awtonomu. Anzi, kien parti ntegrali fi truf il-konfini parrokkjali tat-tliet irħula ta' madwaru: Birkirkara; Ħal Qormi u l-Furjana. Din hi definizzjoni parrokkjali u sa ċertu punt, ċivili wkoll, sa l-1881.

## TA' BRAKSJA

Ta' "ta' Braksja" hu l-isem oriġinali tal-Ħamrun, fil-firxa tiegħu mill-Blata l-Bajda sal-Furduliż, minn sekli ilu. Jixduh bosta dokumenti, fejn b'referenza għall-kappella ta' San Nikola, fejn illum insibu l-kappella ta' l-Assunta ta' "tas-Samra", kien inkiteb, li fl-1625 kienu jsibuha bħala "San Nicolai della Braxia", u fl-1635, "San Nicola della contrada tal Braxchixia".

Lejn tal-Pietà, fl-1645 insibu "contrada della chiesa e convento della B.V.M. della Pietà, chiamata tal Breixia". Filwaqt li għall-istess inħawi, fl-1878, inkiteb: "... nei limiti della Florana in contrada della Pietà, appellata ta Braksia".

Dan ifisser, li dak li huwa Ħamrun illum, inkluża parti mill-Marsa u Santa Venera kollha, kien b'dan l-isem. Sa ċertu punt, il-Prof. G. Wettinger jissostanzja dan fit-toponomastika tiegħu. Riferenza għal ta' "ta' Braksja", illum baqa' biss, wieħed miċ-ċimiterji f'tal-Pietà, li jġib dan l-isem: "Ċimiterju ta' Braksja."

## TA' SAN ĠUŻEPP

Il-Ħamrun ta' dahri, għal madwar 300 sena, kien rabat ismu ma' San Ġużepp, minħabba żewġ ġrajjiet li seħħew fl-istess żmien.

(1) Fl-1620, l-isqof Cagliares kien iddikjara l-festa ta' San Ġużepp bħala "Festa Kmandata", meta fil-Knisja Universali kien qed ikun hemm qawmien ġdid u devozzjoni

speċjali b'riżq l-Imqaddes Ġużeppi.

(2) Il-Kav.Eugenio Ramirez Maldonato, madwar l-1617-25, kien bena mill-ġdid u minn butu kappella fil-Furduliż u kien iddedikaha lil San Ġużepp. Din il-kappella kienet tinstab minflok dik li hemm illum tas-Soċjetà ta' San Pawl.

U billi San Ġużepp ma tantx kien popolari f'dawk iż-żminijiet; u billi kien meqjum biss f'żewġ kappelli, waħda Malta u oħra Għawdex; u billi kellna dawk iż-żewġ avvenimenti fl-istess żmien; u billi dik il-kappella ta' Maldonato kienet fi triq ewlenija bejn il-Belt Valletta u l-Imdina/San Anton; il-poplu kien tħabbeb iżjed mal-qaddis, daqskemm ukoll kienet għoġbitu dik il-kappella. U "indikaha" bħala xi punt ta' riferenza, għax fejn kienet, kienet tagħti fil-għajn wisq, wisq iżjed mill-kappella ta' Santa Venera u dik ta' San Bartilmew.

It-triq ewlenija li laqgħet fiha din il-kappella, ħadet malajr l-isem tal-qaddis, biex malajr ukoll, l-inħawi kbar, imsejħa "ta' Braksja", ħadu l-isem ta' San Ġużepp. Imma popolarment, it-triq u l-inħawi kollha kienu komunament magħrufa bħala "Via San Giuseppe".

Fi ftit kliem, il-Ħamrun ta' dari, u għal madwar 300 sena, kien ikkonsagrat lil San Ġużepp. U din hi marka li ma titħassarx. Saħansitra, l-aktar talba sempliċi u popolari fil-Ħamrun hi: "San Ġużepp u San Gejtanu, itolbu 'l Alla għalina". Dwar "ta' San Ġużepp" hemm ħafna iżjed xi tgħid.

## IL-ĦAMRUN

"Ħamrun" huwa t-tielet u l-aħħar isem. Dan l-isem kien ingħata, għax minflok il-Mid Med Bank, biswit pjazza San Pawl, kien hemm ħanut/titotla li kienet tmexxieh ċerta Karmena Sultana, li kienu jsibuha bħala, "tal-Ħamruna". Dik kienet bint Ġużeppi Calleja u martu Marija Zammit. Dan il-laqam kien ġej mill-familja ta' Marija Zammit, li kienet bint Ġużeppi u martu Pawla Saliba.

Ir-raġel ta' Karmena, Ġużeppi Sultana, kien impjegat mal-familja Calleja, li allura kellu wkoll dan il-laqam, billi kien jieħu ħsieb wieħed mit-tliet ħwienet tal-ġwież, tal-laħam u t-titotla, li kienu f'xi remissi fi triq San Ġużepp, f'parti mill-bini, illum tal-Piccole Suore, fejn quddiemhom kienet tispiċċa Triq San Ġużepp, u fejn f'xi żmien kien hemm il-famuża "Xatba". Dawn ir-remissi kienu ħaduhom il-Piccole Suore fl-1883 u minħabba f'hekk il-familja Sultana, "tal-Ħamruna" kienu marru f'kamra oħra, fejn illum insibu l-Mid Med Bank.

Il-popolarità ta' din il-familja u l-antenati tagħhom, u daqstant ieħor tat-titotla tagħhom, kienet kbira daqs laqamhom, fejn fit-titotla kienu jpoġġu bosta ħaddiema tax-xatt, burdnara, karozzinieri u oħrajn. Dan il-laqam, "tal-Ħamrun/a" kien tant popolari, li saħansitra spiċċa fil-qwiel Maltin: "Iż-żagħruna tgħajjar lill-Ħamruna". Dan għadu jeżisti "fis-skiet" fil-Ħamrun, Imsida, Ħal-Luqa, Ħal-Qormi u anki fir-Rabat, mnejn hu maħsub li kien oriġina.

Bħala laqam insibuh reġistrat fl-atti tan-nutar Giuseppe Callus, tat-22/12/1729, fejn jissemma "Baldassare... detto di Khamrun", filwaqt li l-Prof. Stanley Fiorini, imur aktar lura u jsibu reġistrat fl-1520, "la muglieri di Hamrun", kif ukoll, fl-1560, "Pietro Xuereb detto Ħamrun". Minbarra dan, il-laqam jista' jkun marbut ma' xi isem toponomastiku ieħor fil-limiti ta' "tal-Provvidenza" fis-Siġġiewi, fl-1693, fejn il-Prof. Fiorini jiskopri, "... terreno appellato di Hamrun in contrada di Gueleg", li tista' tfisser verament "isem ta' xi qasam art", daqskemm referenza għall-laqam ta' sid l-art. Jew it-tnejn flimkien. Din hi l-aktar xhieda qadima dwar dan il-laqam.

Dan il-laqam ifisser "AĦMAR", li insibuh kemm bħala laqam, kif ukoll kunjom u anki bħala isem toponomastiku f'Tunes, Alġerija, Libja, Iraq, Turkija, Etjopja u anki f'Iżrael, għax dan hu mill-ilsien Għarbi mid-djalett Kabyl.

Fil-lokalità tagħna f'Malta, Ħamrun kien beda jidher uffiċjalment għat-Twelid fl-Atti Ċentrali tar-Reġistru Pubbliku, fl-1878, filwaqt li fir-Reġistru Elettorali fit-8/12/1888. Mill-banda l-oħra, il-Knisja f'Malta irrikonoxxiet dan l-isem, bħala uffiċjali, fl-1881, meta ħabbret it-twaqqif tal-parroċċa San Gejtanu.

B'danakollu bejn l-1848 u l-1864, l-isqfijiet kienu sejħu liċ-Ċimiterju tal-Blata l-Bajda, fejn illum insibu l-kappella u d-Dar Ċentrali tal-MUSEUM, u b'riferenza wkoll għall-inħawi, bħala li qiegħed, "in contrada tal-Ħamrun". Din hi l-eqdem referenza għall-inħawi u għall-isem fit-toponomastiku Maltija.